Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1084 13.5.2026

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/1084**

**tat-12 ta' Mejju 2026**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1143 dwar Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mozambique (EUMAM Mozambique)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Frar 2026, fil-kuntest tar-Rieżami Strateġiku tal-EUMAM Mozambique, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rrakkomanda li l-mandat tal-missjoni jiġi estiż b'sitt xhur sal-31 ta' Diċembru 2026, u stieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex jippreżenta Valutazzjoni Strateġika f'Settembru 2026.

(2) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1143 [1] tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1143 hija b'dan emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 10, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż komuni tal-Missjoni għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026 għandu jkun ta' EUR 3 140 000. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 51(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 għandu jkun ta' 50 % għall-impenji u 0 % għall-ħlasijiet.";

(2) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Missjoni għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru 2026.".

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Mejju 2026.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. KALLAS

---

([1]) ĠU L 247, 13.7.2021, p. 93.